MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 27/2020 LM

**Alice Vella (K.I. nru. 218446(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Joseph Debono (K.I. nru. 629952(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Alice Vella (K.I. nru. 218446(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talba tagħha fil-konfront tal-intimat **Joseph Debono (K.I. nru.**

**629952(M))** [minn issa ʼl quddiem 'l-appellat'] billi ċaħadha, filwaqt li laqa' l-eċċezzjoni tal-intimat, bl-ispejjeż kontriha.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kirja li jgawdi l-appellat fuq il-garaxx numru 3, Triq il-Gudja, Kirkop, [minn issa ʼl quddiem 'il-fond'] bil-kera annwali ta' erba' mija sitta u sittin Euro (€466), liema kera hija pagabbli lis-sid tal-imsemmi fond, li hija l-appellanta. Din tal-aħħar qiegħda tallega li l-fond inkera qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, bħala garaxx privat u mhux għall-iskop ta' kummerċ, u dan ma jagħmilx parti mir-residenza ordinarja tal-appellat. Għalhekk hija kienet talbitu sabiex jirritorna ċ-ċwievet tal-fond u jbattal ħwejġu minnu sal-31 ta' Jannar, 2020, iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan.

**Mertu**

3. L-appellanta għalhekk istitwiet proċeduri quddiem il-Bord fil-konfront tal-appellat permezz tal-preżentata ta' rikors fit-12 ta' Frar, 2020, fejn talbet sabiex:

> *"...jgħaddi sabiex jagħti sentenza fl-ewwel dehra hekk skont l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk jordna l-iżgumbrament tal-intimat Joseph Debono mill-garaxx numru 3 Triq il-Gudja, Kirkop fi żmien qasir u perentorju.*
>
> *Bl-ispejjeż."*

4. L-appellat ippreżenta r-risposta tiegħu, wara li ġie debitament awtorizzat mill-Bord waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020, fejn eċċepixxa dan li ġej:

*"Illi filwaqt li hu minnu li l-fond bin-numru 3 fi Triq il-Gudja, Kirkop, ilu li nkera sa minn qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, mhuwiex minnu li l-istess fond inkera bħala* "garaxx privat" *u* "mhux għall-kummerċ" *kif jinsab allegat fir-rikors promotur.*

*Il-fond meritu ta' din il-kawża nfatti ġie mikri għal skop kummerċjali"*

## Is-Sentenza Appellata

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***IKKUNSIDRA***

*Ir-rikorrenti tibbaża t-talba tagħha għall-iżgumbrament tal-intimat fuq l-Artikolu 1531H tal-Kodiċi Ċivili, introdott bl-Att X tal-2009, li jipprovdi kif ġej:-*

> 1531H.(1) Fil-każ ta' garaxxijiet mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 li ma jiffurmawx parti minn dar mikrija lill-inkwilin bħala residenza ordinarja **u li mhumiex meqjusa bħala fond kummerċjali**, fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010.

*Bl-istess Att, il-leġislatur ta' tifsira tal-kelmiet* 'fond kummerċjali' *għall-finijiet ta' kiri fl-Artikolu 1525(3):-*

> 'fond kummerċjali' tfisser fond urban li mhuwiex dar residenzjali u li hu mikri primarjament sabiex minnu ssir attività għal skopijiet ta' qligħ u fost oħrajn jinkludi, uffiċċju, klinika, fond mikri għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija bl-ingrossa jew bl-imnut, posta fis-suq, maħżen u fond b'liċenza għall-bejgħ ta' oġġetti, imbejjed, spiriti jew ħwejjeġ ta' ikel jew ta' xorb, sala għal rappreżentazzjoni jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti, sengħa jew professjoni.

*Iż-żewġ eċċezzjonijiet għall-Artikolu 1531H huma jekk (i) il-garaxx ikun jifforma parti mid-dar residenzjali mikrija lill-inkwilin bħala r-residenza ordinarja tiegħu jew jekk (ii) il-garaxx ikun jikkostitwixxi fond kummerċjali, fil-parametri tat-tifsira fl-Artikolu 1525(3) tal-Kap. 16. Għalhekk l-ewwel li jrid jiġi stabbilit huwa n-natura tal-fond. Jekk il-fond ma jitqiesx bħala garaxx, l-Artikolu 1531H tal-Kap. 16 li fuqu hija msejjsa l-azzjoni mhuwiex applikabbli u jgawdi mill-protezzjoni tal-liġi.*

*Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) diġa kellha quddiemha każ simili fejn kellu jiġi deċiż jekk in-natura ta' fond mikri kienetx ta' garaxx jew fond kummerċjali. Fis-sentenza* ***Carmen Debono vs Mary Doris D'Amato (App. Inf. Nru. 41/20LM)*** *deċiża fit-8 ta' Frar 2023, qieset li n-natura għandha tiġi determinata skont l-użu tal-fond. Id-dehra ta' barra tal-fond u dik tal-istruttura tiegħu minn ġewwa, m'għandhiex tkun konklużiva dwar l-użu attwali:*

> Il-Qorti tirrileva li d-dehra ta' barra tal-fond u dik tal-istruttura tiegħu minn ġewwa, m'għandhiex tkun konklużiva dwar l-użu attwali tiegħu, u dan tal-aħħar għandu jkun il-fattur determinanti.

*Żiedet li f'każijiet simili l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attriċi li trid tipprova li l-fond jintuża għall-iskop ta' garaxx u fin-nuqqas l-azzjoni tfalli. Ġie osservat ukoll li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Bord m'għandux jinoltra ruħu fil-kwistjoni jekk il-fond huwiex tassew qiegħed effettivament isir użu minnu b'mod kummerċjali bħala* 'maħżen' *u ġaladarba l-attriċi tistrieħ fuq l-artikolu 1531H tal-Kap. 16, m'għandha tqum l-ebda kwistjoni oħra li ma tinkwadrax f'dan l-artikolu.*

*Ir-rikorrenti u binha Francesco Vella jsostnu li l-fond dejjem inkera bħala garaxx. Francesco Vella jixhed ukoll li dan jirriżulta mill-ktieb tal-kera. Sal-2018 il-kera dejjem ġiet aċċettata minn Philip Vella u l-irċevuti kienu jinħarġu minnu. L-irċevuti tal-kera maħruġa lill-intimat għas-snin 2014 u 2015 u sal-31 ta' Jannar 2016 jindikaw il-fond bħala* "garaxx"*. Dawn l-irċevuti huma l-unika prova li tirriżulta mill-atti li jikkorraboraw l-użu tal-fond bħala garaxx. Iżda pjuttost il-provi mressqa fl-atti aktar jissostanzjaw il-verżjoni tal-intimat. Qabel xejn il-Bord josserva li l-irċevuta tal-kera sussegwenti mmarkata bħala JBX4 datata 21 ta' Marzu 2016 tindika l-fond mikri mhux bħala* 'garaxx' *iżda bħala* 'post'.

*Di più mir-ritratti esebiti mill-intimat jirriżulta li l-fond jintuża għall-ħażna ta' xorb alkoħoliku u saħansitra jinħażnu fih numru sostanzjali ta' tramunġani bl-inbid fihom – oġġetti lkoll relatati mal-attività kummerċjali tal-intimat konsistenti f'ħanut tax-xorb liema attività hija rikonoxxuta wkoll mill-erarju pubbliku u sostanzjata mill-* invoices *ta' fornituri tal-intimat li jkopru l-perijodu mis-sena 2015 sas-sena 2021. Hija wkoll indikattiva t-tabella antika li tinsab mal-faċċata tal-fond. In-numru tat-telefon indikat m'għandux il-prefiss "21". Dan ifisser li t-tabella ilha esposta għall-pubbliku sa minn qabel is-sena 2001 (meta sar obbligatorju l-prefiss "21" fil-linji tat-telefon), madwar sbatax-il sena qabel il-mewt ta' Philip Vella. Din it-tabella kellha tagħti indikazzjoni biżżejjed lill-pubbliku ġenerali tal-użu li kien isir mill-fond. Il-Bord jikkunsidra wkoll li fil-kontro-eżami tiegħu Francesco Vella kkonferma li ftit xhur qabel daħal jew ra ġewwa tal-fond u kien evażiv għall-ahhar dwar x'ra dakinhar hemm ġew.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-Bord iqis li r-rikorrenti naqset milli tipprova li l-użu tal-fond huwa dak ta' 'garaxx' u b'hekk l-Art. 1531H tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli.*

**L-Appell**

7. L-appellanta ħasset ruħha aggravata bis-sentenza appellata, u ntavolat appell minnnha fis-7 ta' Novembru, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassarha, filwaqt li tilqa' t-talba tagħha u tordna l-iżgumbrament tal-appellat mill-fond, u jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri kollha. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi li tressqu quddiemu.

8. L-appellat wieġeb fl-1 ta' Marzu, 2024, fejn qiegħed isostni li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju uniku mressaq mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

10. L-appellanta qiegħda ssostni li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi li kellu quddiemu, u kien evidenti li huwa fixkel il-fond mal-ħanut li għandu f'idu l-appellat f'Triq Penza, Ħal Luqa bl-isem 'Joseph Debono Cellar', li mhuwiex proprjetà tagħha. Tissottometti li l-appellat kien insista li huwa jagħmel użu mill-fond bħala maħżen kummerċjali, u dan meta huwa għandu

ħanut tax-xorb ġewwa Ħal Luqa. Kien proprju għalhekk li binha Francesco Vella kien mar diversi drabi Ħal Luqa sabiex jivverifika dak li qal l-appellat, iżda dejjem sab il-ħanut magħluq, u l-ġirien qalulu li dan fil-fatt kien ilu snin magħluq. L-appellanta għalhekk riedet turi li ma kien hemm l-ebda negozju, u b'hekk il-fond in kwistjoni ma kienx qiegħed jintuża bħala maħżen. Iżda l-Bord minflok fixkel il-fondi u kkunsidra saħansitra li t-tabella kienet imwaħħla mal-fond. L-appellanta tirrileva li mix-xhieda ta' Francesco Vella, kien irriżulta li l-appellat kien ser jirrilaxxja l-fond, iżda mbagħad reġa' dawwar fehmtu. L-istess xhud in kontro-eżami kien stqarr li l-fond kien oriġinarjament inkera bħala garaxx, fejn mingħalihom kienu qegħdin jiddaħħlu l-karozzi. Imbagħad l-appellat waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2021, kien innega meta kien qed jixhed li kien hemm il-kelma 'garaxx' fuq il-ktieb tal-kera, iżda qal li ma kienx f'pożizzjoni li jesebih u li dan kien għand l-appellanta. L-appellat ammetta wkoll li l-appellanta kienet tagħtih irċevuta fuq karta, iżda anki hawn baqa' ma esebiex il-prova dokumentarja oriġinali. In subizzjoni waqt ix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Mejju, 2021, l-appellat qal li l-fond ma kellux is-servizzi tad-dawl u tal-ilma, u li dan kien ilu hekk għal tul ta' żmien. L-appellanta ssottomettiet li l-Bord kien skarta x-xhieda ta' Francesco Vella, fejn dan kien qal li huwa kien daħal fil-fond xi xhur qabel, u sab it-tiben, mutur tal-ħart u magna ta' karozza. Xehed ukoll li l-appellat kien urih fliexkun inbid żgħir, u kien tah flixkun antik tax-xorb. Iżda l-Bord kien deherlu li x-xhud *"kien evasiv għall-aħħar dwar x'ra dakinhar hemm ġew",* u minflok ta mportanza qawwija lill-fatturi li pproduċa l-appellat li kienu kollha antiki, għajr għal waħda minnhom tat-8 ta' Novembru, 2022, u fejn l-ebda waħda ma kellha l-indirizz tal-ħanut jew tal-fond indikat bħala l-indirizz tal-konsenja. L-indirizz kien saħansitra dak ta' 'Welcome (Snack) Bar', Il-Mitjar

l-Antik, Luqa, u wħud minnhom inħarġu fuq isem Anton Scicluna. Tgħid ukoll li ftit minn dawk il-fatturi kienu biss għal xorb alkoħoliku. L-appellanta tirrileva li l-proċeduri odjerni saru *ai termini* tal-artikolu 1531H tal-Kap. 16, u tispjega li l-fond kien inkera sew qabel l-1 ta' Jannar, 1995, iżda mhux għal skopijiet kummerċjali, u fejn lanqas kien jagħmel parti mir-residenza tal-appellat. L-appellanta hawnhekk tgħaddi sabiex tagħmel elenku ta' dawk il-provi li fil-fehma tagħha kollha jikkontradixxu l-verżjoni tal-appellat, li l-fond jintuża minnu għall-kummerċ, u għaldaqstant ma kienx jistħoqqlu l-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69.

11. L-appellat jinsisti li s-sentenza appellata hija waħda tajba. Jissottometti li l-argument tal-appellanta li l-Bord fixkel il-fond mal-ħanut li huwa jopera, kien manifestament żbaljat. Jgħid li huwa kien ippreżenta provi biżżejjed sabiex juri li l-fond kien dejjem inkera bħala maħżen sabiex jikkumplimenta n-negozju ġestit minnu, u qablu mill-familjari tiegħu. L-appellat spjega li huwa kellu jagħmel riferiment għal-fondi li minnhom huwa jiġġestixxi n-negozju tiegħu, sabiex jissostanzja l-eċċezzjoni sollevata minnu, imma f'dan kollu huwa ma kienx fixkel lill-Bord, u kien saħansitra serva ta' gwida ċara. L-appellat jikkontendi li s-sentenza appellata kienet korrettement tittratta l-fond, u hawnhekk huwa jiċċita dak li qal il-Bord fir-rigward tar-ritratti li esebixxa, fejn kienu jidhru numru ta' tramunġani tal-inbid li kienu proprju jinżammu fil-fond. L-appellat jagħmel riferiment għax-xhieda tiegħu stess waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020, fejn ikkonferma li l-fond kien jagħmel użu minnu sabiex jaħżen ix-xorb tan-negozju tiegħu, u l-Bord korrettement irrikonoxxa dan. L-appellat jgħid li l-appellanta hawnhekk terġa' tressaq l-argument li n-negozju tiegħu m'għadux attiv, iżda dan kuntarjament għal dak li huwa kien iddikjara waqt ix-

xhieda tiegħu in kontro-eżami, u minn dak li jirriżulta mir-ritratti esebiti. Hawnhekk l-appellat jirrileva li kif stqarr bil-ġurament waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2021, huwa kien reġistrat għall-fini tat-taxxa fuq il-valur miżjud, u dan fejn ir-rappreżentanta tal-Kummissarju tat-Taxxa stess ikkonfermat dan bil-ġurament. Jgħid li huwa kien ippreżenta wkoll *Profit and Loss Accounts* u sensiela ta' fatturi f'ismu, li kienu evidenza tax-xorb li huwa jixtri għall-fini tan-negozju tiegħu, f'ċertu kwantità li ma kienitx għall-użu personali. L-appellat jirrileva wkoll li quddiem il-Bord huwa kien xehed ukoll li kien jimpjega diversi nies miegħu. Minn hawnhekk l-appellat jgħaddi sabiex jindirizza u jikkontradixxi d-diversi punti ttrattati mill-appellanta, u wera kif tassew il-fond qiegħed isir użu minnu għal skopijiet ta' kummerċ.

12. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija tajba. Il-Bord beda billi kkunsidra li t-talba tal-appellanta hija msejsa fuq l-artikolu 1531H tal-Kodiċi Ċivili, fejn it-tifsira ta' *'fond kummerċjali'* tingħata permezz tas-subartikolu 1525(3) tal-istess liġi. Il-Bord għaraf korrettement li l-artikolu 1531H tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għal żewġ eċċezzjonijiet, u għalhekk kellu jiġi stabbilit in-natura tal-fond jekk japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu tal-liġi. Il-Bord hawnhekk għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet **Carmen Debono *vs.* Mary Doris D'Amato**, App. Inf. 41/20LM, fejn ingħad li *"...d-dehra ta' barra tal-fond u dik tal-istruttura tiegħu minn ġewwa, m'għandhiex tkun konklużiva dwar l-użu attwali tiegħu, u dan tal-aħħar għandu jkun il-fattur determinanti".* Il-Bord ikkunsidra li ġie senjalat ukoll li l-oneru tal-prova huwa proprju fuq l-attriċi, li għandha turi li l-fond jintuża għal skopijiet ta' garaxx, u fin-nuqqas l-azzjoni tagħha ma tistax tirnexxi.

13. Il-Bord mbagħad irrileva li l-appellanta u binha Francesco Vella, li xehed fil-mori tal-proċeduri, kienu qegħdin jikkontendu li l-fond dejjem inkera bħala garaxx, u Francesco Vella saħansitra qal li l-ktieb tal-kera kien prova ta' dan. Iżda l-Bord korrettement għaraf li l-unika prova li tikkorrabora dan kollu, kienu l-irċevuti li ngħataw mir-raġel tal-appellanta lill-appellat għas-snin 2014 u 2015 sal-31 ta' Jannar 2016 fejn il-fond ġie ndikat bħala *'garaxx'*, u kull prova oħra minflok issaħħaħ il-verżjoni tal-appellat. Il-Qorti tikkunsidra li għalkemm l-appellanta tikkontendi li l-garaxx kien oriġinarjament inkera lil missier l-appellat, li ma jirriżultax li kien fil-kummerċ, tgħid li madankollu l-ebda prova ma saret tal-allegat skop oriġinali tal-kirja. Il-Qorti għalhekk hawnhekk tirrileva wkoll li għalkemm bin l-appellanta Francesco Vella waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar, 2021,[1] xehed li missieru kien kera l-fond bħala *'garage number three'*, ma tressqet l-ebda prova dwar dan. Barra minhekk, għalkemm fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanta tissuġġerixxi li l-appellat baqa' ma esebiex il-ktieb tal-kera għaliex forsi ma riedx juri li possibilment kien hemm indikat l-użu tal-fond bħala garaxx, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax li skont l-appellat, kif iddikjara fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Jannar, 2021[2] in subizzjoni, kien proprju r-raġel tal-appellanta li kien żamm il-ktieb tal-kera għandu, u minn dakinhar 'il quddiem beda joħroġ biss irċevuta fuq karta.

14. Il-Bord imbagħad osserva li r-ritratti esebiti mill-appellat kienu juru li l-fond jintuża sabiex jinżamm xorb alkoħoliku, u anki numru sostanzjali ta' tramunġani bl-inbid fihom, kollox skont l-istess Bord relatat man-negozju tal-appellat ġestit minn ħanut tax-xorb li huwa rikonoxxut mill-erarju pubbliku u

[1] *A fol.* 65.
[2] *A fol.* 76.

sostanzjat permezz ta' fatturi maħruġa minn fornituri lill-appellat għall-perijodu bejn 2015 sa 2021.

15. Il-Bord osserva li t-tabella antika li tinsab mal-faċċata, kienet tindika numru tat-telefon li m'għandux il-prefiss "21", u għalhekk ikkunsidra li t-talbella ilha hemm sa minn qabel l-2001, meta sar obbligatorju l-prefiss. Qal li t-tabella tagħti ndikazzjoni tajba lill-pubbliku ġenerali tal-użu li kien qiegħed isir tal-fond. L-appellanta tinsisti li hawnhekk il-Bord kien qiegħed jitfixkel il-fond mal-ħanut fejn it-tabella kienet fil-fatt imwaħħla. Iżda wkoll jekk il-Qorti tikkunsidra li il-Bord hawnhekk tassew għamel konstatazzjoni żbaljata, il-fatt dejjem jibqa' li hija ma ressqitx prova sufficjenti u tajba sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li l-fond ma jintużax għall-iskop oriġinali li ġie mikri għalih u, kif sewwa rrileva l-Bord, il-provi pjuttost isaħħu l-verżjoni tal-appellat.

16. Il-Qorti żżid tgħid li għalkemm ċertament jirriżulta li l-attività kummerċjali ġestita mill-appellant, ma tidhirx li baqgħet waħda regolari u b'saħħitha f'dawn l-aħħar snin, u dan skont kif jirriżulta mill-fatturi u rendikonti tat-taxxa li l-valuri tagħhom dejjem jonqsu, u anki mill-istat pjuttost imħarbat tal-fond, lanqas ma jirriżulta li l-fond m'għadux jintuża għall-fini tal-ħażna ta' diversi oġġetti relatati mal-attività kummerċjali eżerċitata f'dawn l-aħħar snin mill-appellat. Hawnhekk il-Qorti tixtieq tagħmilha ċara li l-istat tal-ħanut tal-appellat u n-negozju ġestit minn hemmhekk, ma jista' jżid jew inaqqas xejn mill-użu stabbilit tal-fond. Il-prova li kellha tagħmel l-appellanta, kienet dik strettament marbuta mal-użu tal-fond llum, u l-iskop oriġinali tal-kirja.

17. Tikkunsidra li l-Bord irrileva wkoll li fil-kontro-eżami tiegħu, Francesco Vella xehed li huwa kien daħal fil-fond ftit xhur qabel, imma kien evażiv għall-aħħar dwar dak li ra hemmhekk.

18. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Bord ġustament iddeċieda billi ċaħad it-talba tal-appellanta. Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ il-konklużjonijiet tal-Bord, li kkunsidra kull prova li tressqet quddiemu, u sab li l-pretensjoni tal-appellanta ma ġietx ippruvata. Bħall-Bord, il-Qorti tagħraf li l-provi kollha li tressqu mill-partijiet bl-ebda mod ma juru li l-fond kien inkera sabiex fih jidħlu l-vetturi, skont kif qiegħda tallega l-appellanta. B'hekk it-talba tagħha ma tistax tirnexxi.

19. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u l-Qorti tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |